Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,461, 1 ta' Lulju, 2025

Taqsima B

A.L. 118 tal-2025

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2025 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Education – M.Ed. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2025 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Education – M.Ed. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Education – M.Ed. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 75 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2025 jew wara.

Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) grad fl-Edukazzjoni jew Ċertifikat ta' Għalliem flimkien ma' mill-anqas sentejn esperjenza ta' tagħlim u kwalifiki adattati oħra miksuba wara l-grad jew wara ċ-Ċertifikat ta' Għalliem; jew"

Verżjoni Elettronika

4. Minflok is-sotto-paragrafu (d) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(d) kwalunkwe grad tal-ewwel ċiklu flimkien ma' jew kwalifika ta' għalliem rikonoxxuta jew id-Diploma in Education u sentejn esperjenza f'settur tal-edukazzjoni; jew"

5. Is-sotto-paragrafu (e) li ġej għandu jidħol wara s-sotto-paragrafu (d) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(e) *warrant* permanenti ta' għalliem u minimu ta' tlett snin esperjenza ta' tagħlim."